MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Talba Numru. 403/2003

**Pace & Mercieca Limited**

**vs**

**JM Supplies Co. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Frar, 2003, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tlettax il-lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm713.62) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta li baqghet ma thallsitx.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 24 ta' Settembru 2002 u bl-imghax kummercjali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta'Alex Mercieca, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u tlettax il-lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm713.62),  bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------